MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2015

Numru. 1222/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**

**Vs**

**Dylan Aquilina**

**Kumpilazzjoni Numru: 1222/2014**

**Illum, 16 ta' Marzu 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Dylan Aquilina ta’ 20 sena, bin Mario u Grace nee’ Cucciardi, imwieled Pieta’ fl-10 ta’ Mejju 1994, residenti 56, Gramar, Triq Turu Rizzo, Gzira detentur tal-karta ta’l-identita’ 228794M talli nhar il-21 ta’ Frar 2014 u/jew fil-jiem u x-xhur ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement, b’kull mod indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m’ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni u li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li inghata l-opportunita’ li jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant din giet sodisfacjentement ippruvata.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, in-natura tar-reat, l-ammissjoni bikrija u l-koperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija, il-fedina penali ta' l-imputat li hija wahda netta u l-fatt li l-oggetti gew ritornati u sar anki hlas ghas-saldu ghall-kwalunkwe pretensjoni li kien hemm minn Rose Debono.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati, izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------